Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 703/2012/1

**P.M.C. & Sons Ltd**

**vs**

**John Mary Casha**

14 ta' Mejju 2018

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' servizz ta' ġarr ta' materjal li allegatament sar mis-soċjeta` attriċi.**

2. Fl-Avviż tat-Talba tas-16 ta' Ottubru 2012 ippreżentat fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjeta` attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u erbgħin ewro (**€3,443)** rappreżentanti l-prezz ta' xogħol ta' ġarr ta' materjal minn ġewwa sit f'Birkirkara fuq inkarigu tal-istess konvenut. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali datat 30 ta' Mejju 2011 u bl-imgħax.

3. Fir-Risposta tiegħu tal-21 ta' Novembru 2012 il-konvenut wieġeb illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li l-ebda ammont m'hu dovut. Salv eċċezzjonijiet oħra.

4. Fis-sentenza li ingħatat fit-23 ta' Ġunju 2015, it-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi limitatament fl-ammont ta' **€2,300**, liema ammont huwa llikwida *arbitrio boni viri*, u ordna li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

5. Fit-13 ta' Lulju 2015 il-konvenut appella mis-sentenza u talab lil din il-qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu u tiċħad it-talba attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

6. **L-aggravju** tal-konvenut appellant jikkonsisti f'li l-ewwel qorti ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u għamlet valutazzjoni kemm fattwali u kif ukoll legali ħazina. Jilmenta li sorvolat parti essenzjali mit-teżi tiegħu: u cioe` li huwa kien ħallas is-somma dovuta lis-soċjeta` attriċi permezz ta' tpaċija ma' *crane*. Jaċċenna għall-fatt illi s-soċjeta` attriċi qatt ma wriet b'att jew azzjoni formali f' forma ġuridika aċċettabbli li kienet qed tirrifjuta l-*crane* tant li għadu fil-pussess tagħha sa llum stess. Isostni illi hija qatt ma ppruvat l-allegazzjonijiet tagħha li kien hemm ħafna multi fir-rigward tal-*crane*, jew li kienet interpellatu biex jieħu l-*crane* lura, u jenfasizza illi lanqas ma ddepożitatu l-qorti. Jargumenta li dan l-atteġġjament huwa inkonsistenti mat-teżi tagħha li qatt m' aċċettatu, u li għaldaqstant jirriżultaw ir-rekwiżiti neċessarji biex jitqies li saret **tpaċija** skont l-Artikolu 1197 tal-Kap 16 bejn il-valur tal-*crane* (€3,500) u l-prezz tax-xogħol €3,443).

**In-notifika tas-soċjeta` appellata bir-rikors tal-appell:**

7. Il-konvenut għamel ħames tentattivi sabiex jinnotifika lis-soċjeta` attriċi bir-rikors tal-appell: fil-15 ta' Lulju 2015, fit-3 ta' Awwissu 2015, fit-2 ta' Settembru 2015, fid-9 ta' Settembru 2015 u fil-11 ta' Settembru 2015 u kull darba ġie indikat fir-riferta li *"ma fetaħ ħadd"*.

8. Fit-28 ta' Settembru 2015, din il-qorti, laqgħet ir-rikors tal-konvenut tas-17 ta' Settembru 2015 fejn talabha tawtorizza n-notifika tar-rikors tal-appell lis-soċjeta` attriċi permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni. Hija ordnat li l-pubblikazzjoni kellha ssir fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ gazzetti lokali ta' kuljum (waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti).

9. Fil-5 ta' Ottubru 2015 saret l-**affissjoni** tar-rikors tal-appell fis-segwenti postijiet:

(i) fl-indirizz tas-soċjeta` attriċi stess: 52, Giuseppe Ellul Str, Luqa
(ii) fl-għassa tal-Pulizija, Luqa, u
(iii) fil-Kunsill Lokali, Luqa.

10. Fit-8 ta' Novembru 2017, din il-qorti appuntat l-appell għas-smigħ għat-12 ta' Jannar 2018, u osservat illi s-soċjeta` attriċi kienet għadha mhux notifikata bir-rikors tal-appell. Hija awtorizzat li n-notifika ssir bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ gazzetti lokali ta' kuljum, prevja li qabel ikunu saru żewġ tentattivi ta' notifika wara l-ħin legali.

11. Iz-żewġ partijiet ġew notifikati bl-appuntament tas-smigħ (is-soċjeta` attriċi fid-29 ta' Novembru 2017, u l-konvenut fis-27 ta' Novembru 2017).

12. Fl-ewwel seduta tat-12 ta' Jannar 2018 ġie vverbalizzat illi "*Mill-atti jidher li kull parti hi notifikata".*

13. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2018 pero` ġie osservat illi nonostante dak li ingħad fil-verbal tat-12 ta' Jannar 2018, fl-atti ma kienx hemm prova li saret il-pubblikazzjoni tar-rikors tal-appell fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ gazzetti lokali ta' kuljum skont id-digriet tat-8 ta' Novembru 2017, u għalhekk il-qorti ddiferiet l-appell għall-aħħar darba għal dan il-għan, bl-intiża li fin-nuqqas jingħata provvediment għad-deżerzjoni.

14. Fs-7 ta' Marzu 2018 jidher li sar tentattiv ieħor da parti tal-konvenut biex is-soċjeta` attriċi tiġi notifikata bir-rikors tal-appell u l-avviż tas-smigħ, iżda r-riferta tindika *"ma fetaħ ħadd."*

15. Il-**pubblikazzjoni** tar-rikors tal-appell deher:

(i) fil-ħarġa tal-gazzetta "The Malta Independent" tat-28 ta' Marzu 2018, (paġna 17), u
(ii) fil-ħarġa tal-gazzetta "L-Orizzont" tal-4 ta' April 2018, (paġna 5)

Ġew ukoll esebiti r-riċevuti tal-pubblikazzjonijiet relattivi (fol 32 u 31).

Fl-atti hemm ukoll l-estratt li kellu jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

16. Is-soċjeta` attriċi, għalhekk, finalment, ġiet debitament notifikata bir-rikors tal-appell bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, iżda baqgħet ma ppreżentatx ir-risposta relattiva.

**Il-verżjoni tal-attriċi.**

17. Is-soċjeta` attriċi esebiet *statement*[1] rigwardanti xogħol li wettqet għall-konvenut (indikat fuq l-istess *statement* bħala "Jimmy"). Skont dan l-i*statement*, hija għamlet xogħol għall-konvenut bil-valur ta' €14,397.85, konsistenti fis-segwenti:

51 vjaġġ ta' ġarr ta' materjal________________€8,909.85____(re invoice 042/10)[2]
xogħol ta' skavar u kiri ta' "*gerriema*"_________ €5,488.00____(re invoice 042/10)[3]

L-i*statement* jindika wkoll illi l-konvenut għamel diversi ħlasijiet li jammontaw għal €10,500[4] u li għalhekk il-bilanċ dovut minnu huwa **€3,987.85** (cioe` iktar minn dak mitlub fit-talba).

18. Keith Camilleri, *accountant* mas-soċjeta` attriċi, fix-xiehda tiegħu[5] ikkonferma, abbażi tal-imsemmi *statement* muri lilu, redatt minnu stess, illi l-konvenut għandu jagħti lis-soċjeta` attriċi bilanċ ta' €3,897.85. Huwa ikkonferma illi x-xogħlijiet indikati fl-istatement fil-fatt ġew esegwiti. Mistoqsi jekk kienx hemm xi diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar xi tpaċija, irrisponda illi jekk kien hemm, saru bil-fomm għaliex huwa qatt ma ra xi dokumenti fir-rigward.

19. Fl-14 ta' Novembru 2013, is-soċjeta` attriċi ppreżentat nota fejn iddikjarat illi kienet qed tillimita t-talba tagħha għall-ammont ta' **€3,443** (kif mitlub fit-talba).

---

[1] L-istess *statement* huwa esebit a fol 21 u 23.

[2] L-invoice 041/10 – datat 25.08.2010 – effettivament jindika li l-ammont ta' €8,909 ma jinkludix VAT, u li bil-VAT inkluż, jitla' għal €10,513.63 (fol 26).

[3] L-invoice 042/10 – datat ukoll 25.08.2010 – effettivament jindika li l-ammont ta' €5,488 ma jinkludix VAT, u li bil-VAT inkluż, jitla' għal €6,475.84 (fol 27).

[4] Fil-fatt is-soċjeta` attriċi ppreżentat ukoll kopji ta' riċevuti li jikkonfermaw illi l-konvenut għamel diversi ħlasijiet ammontanti għal €10,500, fol 17,19, u 20.

[5] Xiehda ta' Keith Camilleri tal-21.10.2013, fol 14-15.

20. Joseph Zahra, direttur tas-soċjeta` attriċi, fix-xiehda tiegħu[6] sostna li l-ammont ta' €3,443 mitlub mis-soċjeta` attriċi huwa dovut lilha mill-konvenut. Huwa eskluda li tapplika xi tpaċija bejn dan l-ammont u *crane*. Spjega li l-konvenut kien issuġġerixxa li jagħtihom *crane*, u li huma fil-fatt kienu aċċettaw li "jippruvawh", iżda qal li meta ħaduh fil-post tagħhom mal-ewwel ma għoġobhomx. Qal ukoll illi meta ċċekkjaw il-*logbook* tiegħu innutaw li kien hemm ħafna multi u din kienet raġuni oħra għaliex ma riduhx. Huwa sostna illi:

*"...jiena kont informajtu illi ma kontx interessat li nieħu dan il-crane. Ngħid illi aħna konna avżajnih xi tliet darbiet biex jiġi jiġbor dan il-crane."*

21. Enfasizza illi qatt ma sar xi ftehim bil-miktub fir-rigward ta' xi tpaċija bil-*crane*, u lanqas ma sar xi *transfer* minn fuq isem il-konvenut għal fuq isem is-soċjeta` attriċi.

22. Kontro-eżaminat u mistoqsi jekk fil-fatt kienx ħa l-*crane* sena qabel, wieġeb li huwa ma jidhirlux li ħadu sena qabel u sostna li ma użawhx biex isiru x-xogħlijiet mertu tal-kawża. Qal li l-*crane* ħallewh fil-bitħa, anke wara li tali bitħa krewha lil terzi.

**Il-verżjoni tal-konvenut:**

23. Il-konvenut John Mary Casha fix-xiehda tiegħu[7] xehed li huwa bennej. Qal li darba minnhom, fiż-żmien meta kien ikollu ħafna xogħol, kien iltaqa' ma' rappreżentant tas-soċjeta` attriċi u kienu ddiskutew li jagħmlu xogħol flimkien. Spjega illi kienu ftehmu fuq **tpartit** li jinvolvi *crane:*

*"Fil-fatt ġejna u għamilna arranġament fejn ġejna fi ftehim biex inpartu crane, il-crane kien tiegħi. Konna stmajnih tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) bil-patt li jiena ntih xogħol b'sebat elef. Ngħid li jiena tajtu iktar minn dak il-valur ta' xogħol, li kieku kompla jaħdem seta' jieħu anke valur ta' tletin elf ewro €30,000)."*

---

[6] Xiehda ta' Joseph Zahra tal-10.03.2014, fol 46.

[7] Xiehda tal-konvenut tad-19.05.2014, fol 49-50

24. Huwa kkonferma li s-s-soċjeta` attriċi kienet għamlitlu s-segwenti xogħol:

- skavar_________€4,500 - liema ammont isostni li huwa ħallasha tiegħu, u
- 51 vjaġġ_______€8,900 - minn liema ammont isostni li ħallas €6,000.

25. Isostni li ladarba ħallas total ta' €10,500, il-bilanċ dovut huwa ta' **<u>€2,900</u>**, u li peress li kien ta *crane* lis-soċjeta` attriċi li jiswa €3,500 jiġi li effettivament għandu jieħu **<u>€600</u>** mingħandha.

26. Il-konvenut xehed illi r-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi kien ħa l-*crane* xi sena qabel u li tali *crane* kien f' kundizzjoni tajba. Qal li wara li r-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi kien ħa l-*crane* "*f' sena dan ma qalli xejn illi kellu xi problema jew xi ħaġa b' dan il-crane*." Kompla jgħid illi kienu jaħdmu flimkien fuq biċċa xogħol f' Birkirkara konsistenti f' binja kbira proprjeta` ta' Richard Busuttil. Qal li kienu ftehmu li meta jitħallas hu, kien iħallas lis-soċjeta` attriċi, iżda qal li tant kien "jeqred" li kellu bżonn il-flus li kien anke beda jħallsu qabel ma jitħallas hu. Qal li għalkemm kien għad hemm xi xogħol pendenti fuq is-sit, ir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi kien qallu li ma riedx ikompli.

"*Dakinhar stess kien qabad il-logbook tal-crane, kien qabad karta tal-perit u kien qabad ukoll tal-VRT tal-crane stess u kien waddabhom ġol-blat. Jiena sal-ġurnata ta' llum ma nafx jekk ġabarhomx jew le. Jiena għalija kont tajthomlu, għalija hu għandu kollox f' idejh.*"

27. Kontro-eżaminat[8] qal li r-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi huwa kunjomu Zahra u ikkonferma li "*Dak jiena l-crane partattulu max-xogħol*". <u>Dwar il-*logbook* tal-*crane* qal li huwa ma kienx iffirmah</u>, u mistoqsi jekk kienx hemm ċitazzjonijiet fir-rigward tal-*crane*, wieġeb li ma jafx. Rega' kkonferma li kemm hu u Zahra kienu stmaw il-*crane* fl-ammont ta' <u>€3,500</u> (tliet elef u ħames mitt ewro) u spjega li huwa oriġinarjament kien xtrah <u>Lm6,000</u> (sitt elef liri maltin). Sostna li l-*crane* effettivament kien qed jintuża mis-soċjeta` attriċi għaliex darba hu stess kien rah qed jintuża għax-xogħol. Sostna li kien proprju

[8] Kontro-eżami tal-konvenut tal-24 ta' Marzu 2015, fol 60-61

għalhekk li kien <u>partat il-*crane*</u>*:* għaliex Zahra ried jaħdem bih fil-plant tiegħu. Kompla jgħid:

*"Dan kien ilu xi sena jaħdem bil-crane, ma kontx ser nieħdu lura, anke jekk għamel xahar ma kontx ser nieħdu lura, aħseb u ara, għax kien fdih……Jiena tajtu b'sebat elef u l-crane. Il-crane stmajnih tliet elef u ħames mitt ewro; imbagħad nagħtih sebat elef xogħol. Jiena tajthulu b'dan il-patt u l-kundizzjoni. Jiena u hu konna tajnih l-istima l-crane."*

**<u>Konsiderazzjoni:</u>**

28. Iż-żewġ partijiet qed jaqblu li l-konvenut ħallas l-ammont ta' €10,500: iżda fir-rigward tal-iskavar (li jinkludi l-kiri ta' "gerriema") is-soċjeta` qed tippretendi <u>€5,488</u> u mhux biss €4,500 kif qed jgħid il-konvenut, u fir-rigward tal-51 vjaġġ qed tippretendi <u>€8,909.85</u>; għalhekk il-bilanċ dovut, skont hi huwa ta' <u>€3,897.85</u>[9] u mhux ta' <u>€2,900</u> kif isostni l-konvenut. (Aktarx li fir-rigward tal-iskavar il-konvenut mhux qed iqis il-kiri tal-"gerriema"). Din il-qorti ma tarax għaliex m'għandhiex toqgħod fuq l-istatement tas-soċjeta` attriċi, li huwa kkonfermat bil-ġurament tal-*accountant* stess.

29. Fir-rikors tal-appell il-konvenut jaċċetta li l-ammont ta' €3,443 jirrappreżenta (bilanċ ta') prezz ta' xogħol li effettivament għamlet is-soċjeta` attriċi (ara paragrafu 29). It-teżi tiegħu hi li seħħet tpaċija u fl-istess paragrafu qal:

*"Illi għalhekk kien hemm ir-rekwiżiti neċessarji tat-tpaċija fejn il-prezz ta' xogħol dovut huwa dak ta' 3,443 u l-valur tal-crane kien dak maqbul bejn il-partijiet ta' 3,500. Illi l-fatt li l-istess soċjeta appellata għażlet li żżomm il-crane fil-pussess tagħha għal dan iż-żmien kollu juri li l-obbligazzjoni tal-ħlas għax-xogħlijiet magħmula ms-soċjeta appellata lill-appellanti ġiet estinta"*.

30. Pero' l-konvenut żbaljat għal kollox.

31. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi**:**

***1196***. *(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*

*(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.*

[9] għalkemm it-talba saret għal €3,443.

*__1197.__ (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*

*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.*

32. Fl-istess rikors il-konvenut argumenta li biex isseħħ tpaċija jrid ikun hemm *'l-autonomia dei contrapposti rapporti di credito'.*

33. Il-konvenut xehed li kien għamel tpartit tal-krejn ma' xogħol. Għaldaqstant, it-tpaċija m'għandha x'taqsam xejn (ara fol. 49). Tpaċija ma tapplikax fejn għandek l-istess negozju, izda biss fejn ikun hemm reciproci krediti u debiti. Il-parti l-kbira tar-rikors tal-appell hu bażat fuq l-istitut tat-tpaċija meta mid-deposizzjoni tal-konvenut stess hu evidenti li ma kienx hemm zewg djun.

34. It-Tribunal qal li peress li l-konvenut ma kienx iffirma l-*logbook* tal-vettura, kien ser jilqa' t-talba tal-attur. Pero' mbaghad naqqas l-ammont li ghandu jithallas lill-attur minhabba li, *"... ma hemmx evidenza ta' ebda nterpellanza li riedu li jiehdu l-crane lura juri min-naħa l-oħra li għandu għalhekk jittieħed in konsiderazzjoni u l-fatt li għadu fil-pussess tas-soċjeta attriċi. Lanqas mhemm ebda prova taċ-ċitazzjonijiet imsemmija".* F'kull każ l-attriċi m'appellatx minn dik il-parti tas-sentenza.

35. L-oneru tat-trasferiment tal-propjreta tal-krejn kien fuq il-konvenut. Sas-sena 2002 ftehim dwar bejgħ tal-vetturi kellu bil-fors isir bil-miktub. L-Artikolu 38(1) tal-Att XV11 tal-1993 Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364) kien jippreskrivi taħt piena ta' nullita` il-forma skritta fir-rigward ta' trasferimenti ta' vetturi. Fil-fatt kien paċifiku fil-ġurisprudenza illi l-iskrittura ta' trasferiment kienet meħtieġa. Disposizzjoni li tħassret permezz tal-Att II tal-2002.

36. Favur l-attriċi kien hemm il-fatt li l-konvenut ma ffirmax il-*logbook* tal-vettura. Min-naħa l-oħra favur il-konvenut kien hemm il-fatt li t-trukk baqa' fil-pussess tal-attriċi. Joseph Zahra xehed li dakinhar stess li ħadu l-krejn mingħand il-konvenut, ma kienx għogobhom; *"Fil-fatt meta kien użah il-lavrant mill-ewwel*

*kien qata' l-wire tal-crane stess u fil-fatt jiena kont informajtu illi ma kontx interessat li nieħu dan il-crane"*. Jekk il-krejn ittieħed biss bi prova u l-attriċi ma kinitx interessata fil-krejn, kif baqa' fil-pussess tagħha? Kif ħaditu mingħand il-konvenut ma kien hemm xejn x'iżommha milli tirritornah lura għand il-konvenut. Min-naħa l-oħra jekk sar il-ftehim ta' trasferiment il-konvenut kien jiffirma l-*logbook* biex ikun jista' jsir it-*transfer*. Il-konvenut ma spjegax x'kienet ir-raġuni għalfejn ma ffirmax il-*logbook*. Il-probabbilta hi li kieku seħħ il-ftehim u b'hekk il-crane inghata lill-attriċi bħala *payment in kind*, l-attriċi kienet tiżgura li l-konvenut jiffirma l-*logbook*. Fil-fatt lanqas mhemm prova li qatt sejħitlu biex jiffirma l-*logbook* u lanqas mhemm prova indipendenti li l-konvenut għamel xi ħaġa biex jiffirma l-*logbook*. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li t-Tribunal ghal Talbiet Żgħar mhux bilfors kellu jikkonkludi li seħħ trasferiment ta' proprjeta tal-krejn mingħand il-konvenut għal għand l-attriċi. Il-qorti tfakkar li bħala qorti ta' reviżjoni mhijiex qegħda hawn biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni li għandu t-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-apprezzament tal-provi. Sabiex din il-qorti tilqa' l-appell fuq punt ta' fatt, irid ikun hemm raġunijiet gravi li jikkonvinċu lil din il-qorti li t-Tribunal ma seta' qatt jasal għall-konklużjoni li minnha jsir appell. Ċirkostanza li f'dan il-każ m'hemmx.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-konvenut.**

Anthony Ellul.